MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2005

Appell Civili Numru. 1028/1997/1

**Neville Desira, Jane Desira f'isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* ta' uliedha minuri Jamie Desira u Race Desira, skond digriet tas-17 ta' April 1998**

**v.**

**Grech & Company Limited u Square Deal (Laundry and Dry Cleaning) Limited ghal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti:**

## PRELIMINARI

## IC-CITAZZJONI ATTRICI

1. Il-kawza odjerna tikkoncerna talba ghall-hlas ta' danni wara l-mewt ta' Anthony Desira li miet b'marda terminali fil-pulmun fit-8 ta' Awissu 1996. L-attrici Jane Desira, mart il-mejjet Anthony Desira, u uliedha Neville, u l-minuri Jamie u Race ahwa Desira, jallegaw illi din il-marda kienet giet kagunata mix-xoghol li huwa kellu sa minn Ottubru 1964 mas-socjeta` Square Deal Laundry and Dry Cleaning, Grech and Company Limited li kien jesponih ghal sustanzi perikoluzi bhal asbestos u elementi ohra konnessi max-xoghol tieghu u mal-makkinarju adoperat minnu fl-istess xoghol. Fic-citazzjoni taghom, l-atturi ziedu li l-konvenuti kienu naqsu milli jipprovdu adegwatament sabiex l-impjegati taghhom ikunu imharsa minn dawn is-sustanzi ghaliex naqsu li jipprovdulhom taghmir protettiv jew altrimenti jiehdu l-passi necessarji sabiex tali sustanzi jigu newtralizzati jew imnehhija.

## L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTI

2. Iz-zewg socjetajiet konvenuti, cioe` Grech and Company Limited u Square Deal (Laundry and Dry Cleaning) Limited jichdu dan u eccepew illi huma ma kienux responsabbli ghall-marda u l-mewt ta' Anthony Desira. Inoltre, tul it-trattazzjoni tal-kawza quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad sostnew li huma dejjem ipprovdew "a safe system of work" lill-impjegati taghhom.

## IS-SENTENZA APPELLATA

3.1 B'decizjoni tas-27 ta' Gunju 2002, il-Prim Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talbiet attrici, illikwidat id-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' LM20,000 u ordnat lis-socjetajiet konvenuti ihallsu lill-atturi l-ammont hekk likwidat flimkien ma' l-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv, u dan ghar-ragunijiet riportati in succint hawn taht.

3.2 Il-Qorti ta' l-ewwel grad, wara li ezaminat il-provi prodotti mill-partijiet u r-relazzjoni ta' l-esperti minnha appuntati kkonkludiet illi s-socjetajiet konvenuti kienu responsabbli ghall-akkadut wara li rriteniet u kkunsidrat kwantu segwe:

i) Anthony Desira kien ilu jahdem mas-socjetajiet konvenuti sa mill-1964, jigifieri minn mindu kellu sbatax-il sena, u baqa' jahdem hemm sakemm gie *boarded out* fl-eta` ta' erbghin sena;

ii) F'Mejju tal-1995 hu kien ghamel intervent fejn irrizulta li huwa kellu *Mesothelioma* tal-*pleura* u minhabba din il-marda miet f'Awissu ta' l-1996;

iii) Matul is-snin li huwa hadem mas-socjetajiet konvenuti huwa kien f'kuntatt ma' l-asbestos u dan f'aktar minn okkazzjoni wahda ghaliex jirrizulta li dan il-materjal kien uzat fil-fabbriki tas-socjeta` Grech & Co. Ltd. meta huwa kien impjegat maghha. Il-Qorti elaborat illi l-argument tal-konvenuti, li x-xoghol proprju ta' Desira ma kienx wiehed li jgibu f'kuntatt ma' l-asbestos u li l-kisi tal-pajpijiet tal-makkinarju bl-asbestos kien xoghol "extra" li l-haddiema kienu jaghmlu volontarjament, ma ghandu l-ebda fondament legali stante li min ihaddem ghandu dejjem jipprovdi *a safe system of work* indipendentement minn jekk il-haddiem ikunx qed jahdem fil-kors normali tax-xoghol tieghu jew jaghmel xoghol "extra";

iv) Il-verzjoni attrici li l-impjegati la kienu gew moghtija ilbies protettiv u lanqas kienu jahdmu f'ambjent b'ventilazzjoni tajba kienet aktar veritjera minn dik tas-socjetajiet konvenuti – u dan ghaliex giet korroborata mill-impjegati ta' l-istess socjeta` li ma kienux involuti fil-*management* tas-socjeta`. Konsegwentement il-Qorti ikkonkludiet illi huma naqsu li jipprovdu *a safe system of work* u li jiehdu l-prekawzjonijiet kollha necessarji biex jassikuraw is-sahha tal-haddiema taghhom skond il-ligi vigenti, ossija l-Ordinanza ta' l-1940 dwar il-Fabbriki u r-regolamenti promulgati tahtha;

v) Illi nonostante l-qabza fiz-zmien bejn meta gie "*boarded out*" u z-zmien meta harget il-marda, irrizulta li

anke esposizzjoni qasira ta' ftit xhur tista' tkun kawza tal-marda sa ghoxrin sena wara.

3.3 Meta ghaddiet ghal likwidazzjoni tad-danni dik il-Qorti wara li kienet irrilevat illi fil-kawza odjerna kienu l-werrieta tal-vittma li kienu qed jitolbu r-risarciment tad-danni, irriferiet ghad-decizjoni fl-ismijiet **Anthony Turner et v. Francis Agius et** deciza mill-Prim Awla fis-17 ta' Frar 1998, fejn kien gie deciz illi d-dritt ghar-risarciment ghad-danni kien dritt patrimonjali, li jintiret bhal drittijiet ohra, u m'ghandux jigi modifikat ghax ghadda b'wirt ghand is-successuri. L-ewwel Qorti kkummentat li din is-sentenza kienet wasslet ghall-eliminazzjoni ta' l-anomalija li nholqot tramite gurisprudenza precedenti fejn min kien ikkawza dannu jwiegeb f'ammont anqas meta tinqatel il-persuna kawza ta' agir irresponsabbli u negligenti tieghu milli meta l-vittma kienet tkorri u ssoffri dizabilita` permanenti. L-ewwel Qorti ghalhekk qalet li l-azzjoni attrici kienet qed tigi ezercitata mill-atturi mhux *iure proprio* izda bhala eredi tal-mejjet u ghalhekk dak li kien qed jigi ezaminat kien id-dritt ta' danni sofferti mill-vittma, trasmess lill-eredi *tramite* il-ligi ta' successjoni, u mhux l-effett li l-istess mewt kienet halliet fuq il-familjari taghha. Illi l-precitata sentenza kienet ziedet illi dan japplika indipendentement minn jekk l-eredi jiddependux mill-vittma ghall-ghixien taghhom jew le. L-ewwel Qorti elaborat illi dan huwa wkoll rikonoxxut fl-Artikoli 1045 u 1046 tal-Kap 16 fejn japplikaw l-istess principji ta' *damnum emergens* u *lucrum cessans* kemm fil-kaz li l-vittma twegga u tibqa' hajja jew jekk tmut. B'hekk iddecidiet illi l-kwistjoni ta' *dependancy* hija superfluwa. In oltre, affermat dak deciz fis-sentenza **Turner et v. Agius** li ma kellu jsir ebda tnaqqis mis-somma likwidata ghal dak li setghet tikkonsma l-vittma kieku baqghet hajja stante li tali tnaqqis ma jsirx meta l-vittma tibqa' hajja.

3.4 Il-Qorti kkonkludiet billi irriteniet li meta miet Anthony Desira, fl-1996, kien ilu li spicca mix-xoghol u kien qed jircievi pensjoni ta' invalidita` mill-1989, peress illi kien gie *boarded out* kawza ta' infezzjoni f'saqajh. Ghalhekk wara li evalwat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz uzat id-diskrezzjoni taghha u finalment illikwidat id-danni fl-ammont ta'

LM20,000. Dwar l-ispejjez funerarji qalet sempliciment li dawn ma kienux gustifikati u dwar il-hlas ta' visti medici u tar-rapport ta' Dennis Gatt, ikkummentat li ma kienux gew pprezentati ricevuti mill-atturi dwarhom.

**L-APPELL TAS-SOCJETAJIET KONVENUTI**

4. Minn din id-decizjoni appellaw is-socjetajiet konvenuti principalment u l-atturi incidentalment. L-appell tas-socjetajiet konvenuti jinvesti l-kwistjoni tar-responsabbilita`, filwaqt li l-appell ta' l-atturi hu fir-rigward tal-*quantum* ta' dawn id-danni.

5.1 Il-gravam tal-konvenuti appellanti jirrigwarda l-kwistjoni tar-responsabbilita`. Huma jikkontestaw il-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti li Desira kien jahdem f'ambjent ta' sustanzi perikoluzi minghajr qatt ma inghata protezzjoni jew beneficcju minhabba n-natura tal-perikli ghal sahhtu li x-xoghol tieghu kien qed jesponih ghalih. Jillanjaw li l-ewwel Qorti ghazlet li taccetta it-tezi attrici li l-*management* ma kienx ipprokura *protective clothing* lill-haddiema, u emmnet id-deposizzjoni ta' l-attrici u tax-xhieda prodotti minnhom meta dawn gew kontradetti mix-xhieda prodotti mill-atturi, ossija Ronald Blake, David Smith u George Grech – anzi kwazi kwazi l-Qorti canfrithom li messhom ressqu c-certifikati tal-*Labour Office* u tal-*Union* dwar dawn l-i*standards*. Jissottomettu li dan ir-ragunament huwa zbaljat ghaliex is-sistema legali taghna hija bbazata fuq il-principju li min jallega jrid jipprova. Kienu ghalhekk l-atturi li kellhom jipprovaw li l-haddiema ma kienux gew moghtija *protective clothing*. Jillanjaw li l-partijiet fil-kawza kienu ressqu l-provi dwar dan u ma kien hemm ebda raguni valida fil-ligi ghaliex gew emmnuti l-atturi u mhux l-appellanti. Izidu li l-ewwel Qorti ddecidiet li l-verzjoni attrici kienet ferm aktar veritjera milli dik konvenuta ghaliex kienet korroborata mill-impjegati tas-socjeta` li ma kienux involuti fil-*management* tas-socjeta` - izda skond l-appellanti kien mistenni li jigri hekk ghaliex "kulhadd jibza' ghal gildu", u wiehed ma kienx jistenna li dawn jaqblu mal-*management*. Ighidu li x-xhud taghhom David Smith, ma kienx parti mill-

*management* izda xorta qabel mal-*manager* Blake – u ghalhekk il-bazi ta' l-argomentazzjoni ta' l-ewwel Qorti li l-*Management* jghid haga meta is-sitwazzjoni kienet ohra mhux sopportata minn dan ix-xhud.

5.2 Huwa evidenti li l-lanjanzi ta' l-appellanti jittrattaw principalment l-apprezzament u l-evalwazzjoni maghmula mill-Qorti ta' l-ewwel grad tax-xhieda prodotti mill-partijiet ghaliex l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ezaminat il-provi prodotti mill-partijiet kontendenti u kkonkludiet illi is-socjetajiet konvenuti ma kienux ipprovdew *a safe system of work* u ma hadux il-prekawzjonijiet kollha necessarji biex jassiguraw is-sahha tal-haddiema taghhom kif rikjest mil-ligi vigenti.

5.3 Jibda billi jinghad li l-Qorti ta' l-Appell, bhala Qorti ta' revizjoni qajla tiddisturba leggerment l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti jekk mhux ghal raguni gravi li turi xort'ohra. Gie ritenut fis-sentenza **Paul Formosa v. Salvu Debono** (Appell Superjuri deciz fil-5 ta' Ottubru 2001) li dan ma jsirx "… sakemm l-appellant – ghax fuqu trid tinkombi l-prova – ma jissodisfahiex illi kien hemm ragunijiet validi bizzejjed biex jitfghu dubbju ragonevoli fuq il-gustizzja ta' l-apprezzament ta' provi li ghamlet l-ewwel Qorti u li konsegwentement jekk ma tintervjenix biex tvarja l-konkluzjonijiet taghha, tkun ser tigi kommessa ingustizzja manifesta."

6. Qabel ma l-Qorti tezamina l-lanjanza principali ta' l-appellanti fis-sens li ma kien hemm ebda raguni valida fil-ligi ghala l-ewwel Qorti emmnet it-tezi attrici u mhux dik tal-konvenuti, ikun utili li jigu ribaditi l-principji legali koncernenti l-oneru tal-prova f'kawzi civili. L-appellanti jissottomettu li fis-sistema nostrana min jallega jrid jipprova u konsegwentement kien obbligu ta' l-atturi li jipprovaw illi l-haddiema tas-socjeta` konvenuta ma kienux gew suppliti bit-taghmir prottettiv necessarju. Hawnhekk l-appellanti ghandhom ragun ghaliex il-piz tal-prova ta' dak li hemm allegat fic-citazzjoni, cioe` li l-konvenuti "naqsu milli jipprovdu l-impjegati b'taghmir personali prottettiv jew altrimenti jiehdu dawk il-passi kollha necessarji sabiex jassiguraw illi dawn is-sustanzi jigu newtrallizati jew

imnehhija", jinkombi fuq l-atturi li qeghdin jaghmlu l-imsemmija allegazzjoni u dan skond il-principju *incumbit probatio ei qui dicit non ei qui negat*. Dan pero` ma jfissirx ukoll li l-konvenuti jistghu jallegaw dak li jridu biex jippruvaw jehilsu mill-allegazzjonijiet ta' l-atturi minghajr ma jgibu l-ahjar prova li fic-cirkostanzi jistghu jgibu in sostenn tad-difiza taghhom, u meta jissottomettu fatti li jistghu jehilsuhom minn tali allegazzjonijiet, l-oneru tal-prova jaqa' fuqhom.

7. Is-socjetajiet appellanti dejjem insistew illi huma pprovdew taghmir protettiv u li kienu l-haddiema li ma kienux juzawh. F'dan ir-rigward, Ronald Blake, *manager* tas-socjeta` appellanti, biex ikompli jsahhah din l-affermazzjoni xehed li huma dejjem accettaw u esegwew it-talbiet tal-*Union* dwar il-protezzjoni tas-sahha tal-impjegati taghhom. Inoltre xehed li l-ispetturi tal-*Labour Office* kienu jaghmlu "*surprise visits*" fil-*laundry* u *dry cleaning* taghhom fil-Marsa u anke gieli kellmu lill-impjegati privatament. Qal ukoll li kien ikollhom viziti regolari mill-Inginier tal-*Labour Office* u dejjem kellhom rapporti tajbin minn dawn l-inginier u spetturi. Emmanuel Grech ukoll xehed li l-inginier u l-ispetturi tal-*Labour Office* u l-*Union* ta' l-impjegati dejjem approvaw l-i*standards* u s-*system of work* tal-fabbrika. Tali affermazzjonijiet, izda, ma gewx ikkonfermati mill-haddiema li anzi xehdu li huma kienu jilmentaw minhabba li ma kellhomx it-taghmir prottettiv u l-ventilazzjoni necessarja, kemm mal-"*management*" u kemm mal-*Union* li kienet tirraprezentahhom. Kien ghalhekk li l-Qorti kkummentat li "kif anke kkummentaw l-esperti, il-konvenuti ma pprezentawx certifikati li tal-*Labour Office* u lanqas tal-*Union* dwar dawn l-i*standards*." Fi kliem iehor il-konvenuti <u>naqsu</u> li jipprezentaw din id-dokumentazzjoni li kienet l-ahjar prova ta' dak allegat minnhom.

8. L-appellanti jissottomettu inoltre li ma kien hemm ebda raguni legalment valida ghalfejn il-Qorti kellha temmen il-verzjoni attrici u tiskarta t-tezi taghhom. Jigi hawn rilevat illi fil-kaz ta' zewg verzjonijiet kontrastanti bhal dak odjern, il-kaz jirriduci ruhu f'wiehed ta' kredibilita` u verosimiljanza tal-verzjonijiet moghtija mill-partijiet.

Kif tajjeb jinghad fid-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Farrugia v. Rokku Farrugia**[1]:
“Il-konflitt fil-provi huwa haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq bilanc ta’ probabbilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f’kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.”

Fuq l-istess punt fil-kawza fl-ismijiet **Bugeja George v. Joseph Meilak**[2], il-Prim Awla spjegat illi –
“Fil-kamp Civili, ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja verosimili. Dan fuq bilanc ta’ probabbiltajiet, sostrat baziku ta’ l-azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi generalment bastanti ghall-konvinciment.”

Id-decizjoni tal-gudikant ghandha ssir fuq il-provi li jkollu quddiemu

“meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex u mhux fuq semplici possibbiltajiet, imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabbiltajiet.” (**Enrico Camilleri v. Martin Borg**[3])

9. Minn ezami tas-sentenza appellata jirrizulta li kien proprju dan li ghamlet l-ewwel Qorti jigifieri hija ezaminat il-provi prodotti u kkonkludiet illi l-verzjoni attrici kienet tipprevali fuq dik ta’ l-appellanti. Il-Qorti ta’ l-ewwel grad spjegat illi “l-verzjoni ta’ l-atturi hija ferm aktar veritjera

[1] PA deciza 24/11/1966
[2] deciza 30/10/2003
[3] Appell sede inferjuri – 17/3/2003 ara wkoll **Eucharistica Zammit v. Eustachio Petrococchino** – Appell Kummercjali deciz 25/2/1952; **Paul Vassallo v. Carmelo Pace** – Appell Civili deciz 5/3/1986)

milli dik tas-socjetajiet konvenuti, anki ghaliex jidher li l-impjegati stess ta' l-istess socjeta`, u mhux involuti fil-*managament*, ikkorroboraw it-tezi ta' l-atturi, li l-impjegati la kellhom ilbies protettiv u lanqas kellhom ambjent protettiv tant li saru diversi ilmenti dwar dan mal-*management* kemm tramite l-istess impjegati u kemm mill-*union* tal-haddiema"[4] Izda l-appellanti jikkritikaw dan u jghidu li wiehed kien jistenna li l-haddiema jikkonfermaw it-tezi attrici ghaliex "kulhadd jibza' ghal gildu". Jghidu wkoll li David Smith, xhud prodott minnhom u mhux involut fil-*management* xorta kkonferma dak li qal Blake – b'hekk il-bazi ta' l-argomentazzjoni tal-Qorti mhix sopportata minn dak li qal dan ix-xhud. Fil-fehma tal-Qorti dawn l-argumenti ta' l-appellanti huma inkorretti u inezatti. Kif sewwa jissottomettu l-appellati fir-risposta ta' l-appell taghhom, Mario Borg u Joseph Camilleri, li kienu impjegati mas-socjetajiet konvenuti u li gew prodotti mill-atturi, ma ghandhom l-ebda konnessjoni jew parentela ma' l-atturi, huma persuni indipendenti mill-armla u ulied il-mejjet Anthony Desira, u ma humiex se jibbenifikaw mid-decizjoni tal-kawza odjerna. L-istess argument li gabu l-appellanti dwar ix-xhieda attrici japplika wkoll ghax-xhieda prodotti minnhom stess. Ronald Blake, kien *manager* tas-socjeta` ghal bosta snin u b'hekk zgur ghandu interess li jidher li kollox kien qed jitmexxa sew. Emmanuel Grech ghamel snin twal jokkupa l-kariga ta' direttur tas-socjetajiet konvenuti, u David Smith, ghalkemm ma kienx membru tal-*management* tas-socjeta`, mhux ghal kollox indipendenti ghaliex kif xehed huwa stess "*my wife's brother and his children used to own the company*."[5]

10. Minn ezami akkurat tal-provi kollha prodotti fir-rigward tar-responsabbilita`, jirrizulta ghalhekk li dan l-aggravju huwa infondat. Mill-provi prodotti, inkluz ix-xhieda prodotti mis-socjetajiet appellanti jirrizulta sodisfacentement ippruvat illi Anthony Desira kien jigi f'kuntatt ma' l-asbestos fl-ambjent tax-xoghol tieghu meta hu flimkien ma' haddiema ohra, kienu jaghmlu xoghol ta' kisi ta' pajpijiet. Dwar ix-xhieda prodotti mill-appellanti jghidu li l-kuntatt li kellu Desira ma kienx frekwenti u kien ikun

4 fol 20-21
5 affidavit a fol 49 et seq

hemm zmien twil li fih Desira ma kienx jaghmel dan ix-xoghol. Izda ghandu hawn jinghad li fir-rapport taghhom l-esperti appuntati mill-Qorti jghidu li huwa difficli li tikkwantifika l-ammont u z-zmien ta' "*exposure*" ghall-asbestos meta ma jkunx hemm "*monitoring*" ta' l-arja u ta' l-ammont t'asbestos jtir fl-arja fil-post tax-xoghol. Sahansitra jelaboraw li kien hemm kazi ta' *mesothelioma* f'nisa li kienu jahslu l-ilbies tax-xoghol tar-ragel mimlija asbestos ghal tul taz-zmien.

11. Il-haddiema ta' l-appellanti, prodotti mill-atturi, it-tnejn xehdu li ma kienux gew moghtija ilbies protettiv u li ma kienx hemm ventilazzjoni tajba fl-impjant tas-socjeta` konvenuta. Mario Borg, li dam impjegat ma' l-appellanti ghal erbgha u ghoxrin sena spjega li huma ma kienux gew provduti b'ilbies jew taghmir protettiv sabiex jigu protetti mill-perikolu ta' l-asbestos u mill-kimika li kienu juzaw meta kienu jahslu l-hwejjeg b'kimika imsejha "*Perklone*"[6]. Huwa jghid ukoll li meta fis-snin sittin is-socjeta` ttrasferit ruhha l-Marsa huma kienu qed jinstallaw mill-gdid il-makkinarju u kellhom idawruh bil-hbula ta' l-asbestos. L-istess xoghol kien isir ukoll meta jinxtara makkinarju gdid u meta kien ikun hemm bzonn manutenzjoni. Kompla jghid ukoll illi lanqas ventilazzjoni ma kien hemm u li huma kienu ilmentaw mal-*management* biex dawn jipprovdulhom ventilazzjoni ahjar. Qal li bhala konsegwenza ta' dan huwa ghadu jbati minn grizmejh u kien hemm zmien fejn mar l-isptar ghaliex lanqas kellu vuci - fil-fatt fil-prezent kien ghadu bil-vuci mahnuqa. Din ix-xiehda hija korroborata mill-attrici li xehdet li zewgha gieli rritorna d-dar b'ghajnejh homor minhabba l-kimika. Qalet ukoll li kien ha infezzjoni fil-qiegh ta' saqajh it-tnejn minhabba li l-ilmijiet li kien ikun hemm ma' l-art kienu jippenetrawlu miz-zarbun.

12. Ix-xhieda moghtija minn Joseph Camilleri, li beda jahdem mas-socjetajiet appellanti f'Marzu 1970, u li kien ukoll *shop-steward* tal-*Union*, tkompli ssahhah il-verosimiljanza tal-verzjoni attrici. Dan ix-xhud ukoll jghid li ma kienux gew moghtija maskri jew apparat iehor ta'

6 fol 38

protezzjoni kontra l-fwar u l-kimika li kienet tidhol f'imnifsejhom u tweggalhom ghajnejhom u mill-elementi l-ohra li kienu jahdmu fihom. Jelabora li certu Micheal Fiteni impjegat mas-socjetajiet appellanti kien igib maskra ta' l-i*sprayers*, tieghu personali, minhabba l-irwejjah partikolari u li dan l-impjegat kellu jitlaq mill-impjieg ghaliex il-protezzjoni li kienu qed jitolbu ma nghatatx. Hu jghid ukoll li huma lmentaw diversi drabi mal-*manager* tas-socjeta` u talbu li jigu forniti b'*extractors* jew *airconditioners* - izda dawn ma waslu qatt ghaliex il-*management* kien isostni li l-ftuh fuq il-parti ta' wara ta' l-impjant kien bizzejjed. Kellhom biss fann hdejn kull pressa.

13. Fil-fehma ta' din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, il-verzjoni ta' l-atturi, kif imsahha bix-xiehda ta' zewg kollegi tal-mejjet Desira, hija izjed probabbli u attendibbli ghaliex li kieku l-haddiema verament kienu gew forniti b'dan it-taghmir ma kienux ser jastjenu milli jilbsuh u jbatu konsegwenzi ghal sahhithom, b'riskju ghal hajjithom. Kieku l-appellanti verament ipprovdew dan it-taghmir kien se jkun hemm bzonn li haddiem igib maskra tieghu biex jipprotegi lilu nnifsu? Inoltre lanqas David Smith ma xehed li s-socjetajiet appellanti kienu pprovdew ilbies u taghmir protettiv lill-haddiema, inkluz lilu personalment u dan minkejja li dan spjega li kien dam jahdem mas-socjeta` konvenuta ghal madwar hmistax-il sena ghalkemm zied jghid ukoll li l-fabbrika tal-Marsa kienet ventilata sew, u kellha diversi *fans* u *extractors*.[7]

14. L-appellanti jilmentaw illi l-ewwel Qorti accettat il-fatt li huma kienu jipprovdu l-ilbies protettiv lill-impjegati taghhom izda sabet li huma naqsu meta ma esigewx li dan jintuza waqt il-hin tax-xoghol. Jinsistu li d-dmir taghhom kien li huma jipprovdu tali ilbies protettiv u mhux li l-*management* 'tippolizjeska' biex tara li dan attwalment jintlibes mill-impjegati taghhom, li wara kollox huma adulti u huma responsabbli ghalihom infushom u ghat-traskuragni taghhom. In fatti l-ligi tesigi li kull impjegat li jigi provdut b'ilbies protettiv jaghmel uzu minn dak li jkun

[7] fol 49-50

ghad-disposizzjoni tieghu izda ma timponix obbligu fuq min ihaddem li jaccerta ruhu li l-impjegat verament juzah. B'hekk l-impjegati huma responsabbli meta dawn jinjoraw dak li hu vantaggjuz ghalihom, isostnu l-appellanti.

15. Dwar il-fatt dwar jekk l-appellanti pprovdewx taghmir u/jew ilbies protettiv jew le, il-Qorti ta' l-ewwel grad, ikkonkludiet bl-iktar mod car u inekwivoku li l-verzjoni ta' l-atturi kienet aktar veritjera. Fl-istess waqt dik il-Qorti ghamlet konsiderazzjoni legali fis-sens li anke kieku stess dan l-ilbies kien gie fornit lil xi haddiema, il-*management* ma kienx jinsisti li dan jintlibes u kienu ghalhekk ihallu lill-haddiema jahdmu minghajru, u konsegwentment kienu qed jonqsu mill-obbligi taghhom. Dan ghaliex, kif korrettement jissottomettu l-appellati, l-obbligu ta' min ihaddem imur oltre is-semplici provvista ta' *safety clothing and equipment*. In fatti fid-decizjoni fl-ismijiet **Francis Aquilina v. Louis Cassar pro et noe[8],** il-Prim Awla gustament osservat li min ihaddem ghandu l-obbligu li mhux biss iforni lbies protettiv "imma darba provdut kellu d-dover li jesigi u jara li jintlibes u jiddixxiplina lil min ma jilbsux. Ghax fl-ahhar mill-ahhar incident fuq ix-xoghol jinteressa mhux biss lil min ihaddem u lill-haddiem li jwegga' imma, ghal diversi ragunijiet, jinteressa lis-socjeta` kollha." Inoltre, fil-kawza fl-ismijiet **Kevin Mallia v. Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd**[9] il-Prim Awla kienet ikkwotat dak li ddecidiet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (sede inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Pulizija v. Attard**[10] li kienet osservat li "min ihaddem mhux biss ghandu jara li hemm *available* dan l-apparat tas-*safety*, izda ghandu jinsisti mal-*foreman* li ma jsirx xoghol minghajr l-uzu ta' *safety equipment*, u jara li din l-ordni tigi segwita. Applikat dan il-principju ghal mertu ta' dan il-kaz, kien dover tas-socjeta` konvenuta mhux biss li turi lill-haddiema *videos* fuq *safety*, izda li tinsisti li s-*safety measures* ikunu qed jigi segwiti, u tipprovdi nies mistharrga ghal ta' l-apposta biex jaraw li dawk il-mizuri jkunu segwiti dejjem."

---

[8] deciza 13/2/2001
[9] deciza 9/10/2003
[10] deciza 2/9/1999

16. Ir-raggjonament suespost huwa wkoll ikkonfermat minn dak li hemm provdut fl-Avviz Legali Numru 126 tal-1974, li zied mar-Regolamenti tal-1940 dwar il-Fattoriji [recte: Fabbriki], li fit-Tieni Taqsima jipprovdi li huma dmir ta' min ihaddem in-nies li jiehu hsieb il-kura kollha xierqa ghall-iskansar ta' l-impjegati u li jrid jiehu l-passi kollha prattikabbli biex jaccerta l-perikli, jekk ikun hemm, li ghandhom x'jaqsmu ma' process ta' xoghol u ma' sustanzi u li jipprovdi kull meta jkun hemm htiega ilbies u taghmir personali protettiv.

17.1 Jibqa' ghalhekk it-tieni aggravju ta' l-appellanti fejn jargumentaw illi ladarba l-importazzjoni u l-uzu ta' l-asbestos ma kienx ipprojbit qabel l-1994, u kien uzat mad-dinja kollha, inkluz l-Istat, is-socjetajiet appellanti ma jistghux jinstabu responsabbli ghal xi nuqqas. Jghidu li l-obbligazzjoni taghhom kienet li jipprovdu *a safe system of work* fil-kundizzjonijiet tax-xoghol prevalenti f'dak iz-zmien f'Malta – dak li kellu u li seta' jigi provdut fis-snin sittin mhux dak li ghandu jigi provdut illum. B'hekk il-Qorti ma tistax issib socjeta` kolpevoli ta' nuqqas fid-doveri taghha jekk attwalment f'dawk iz-zminijiet ma kienux jezistu dawk id-doveri rigoruzi li qed tippretendi l-ewwel Qorti.

17.2 Min-naha taghhom l-appellati jissottomettu li l-fatt li sustanza perikoluza ma kenitx ipprojbita milli tigi importata lokalment, u li kienet tintuza minn diversi operaturi fid-dinja kollha, ma jwassalx ghall- konkluzzjoni li min ihaddem huwa ezentat milli jassikura l-protezzjoni tal-haddiema tieghu meta dawn jahdmu b'sustanza perikoluza. Jirrilevaw illi mir-rapporti medici u x-xiehda tal-kirurgu li opera lil Desira irrizulta li hu miet kawza ta' tumur li fegg minhabba l-esposizzjoni tieghu ghall-asbestos u irrizulta mix-xiehda tal-Kirurgu Dennis Gatt li fis-snin sebghin l-assocjazjoni tat-tumur ma' l-asbestos kienu maghrufa sew, u b'hekk ma jistax jinghad li fiz-zmien li Desira kien impjegat mas-socjetajiet appellanti ma kienx hawn gharfien li l-asbestos kienet sustanza perikoluza.

17.3 Finalment, jghidu li l-ewwel Qorti applikat ir-regolamenti vigenti dak iz-zmien u mhux xi doveri aktar

rigoruzi u applikat ir-regolamenti sanitarji tal-1945 izda anke l-avviz legali tal-1974 li zied maghhom u senjatament ipprovda li kull min ihaddem kellu jiehu l-passi pratikabbli kollha biex jaccerta l-perikli konnessi mieghu kif ukoll jipprovdi lill-haddiema ilbies u taghmir protettiv. Il-fatt li l-asbestos seta jigi importat ma jnaqqas xejn mir-responsabbilita` tal-konvenuti li jadempixxu d-doveri taghhom skond ir-regolamenti vigenti dak iz-zmien.

17.4 Fil-fehma ta' din il-Qorti kif sewwa ssottomettew l-appellati, il-fatt li l-asbestos kien jintuza internazzjonalment u kien jigi importat legalment sal-1994 ma jfissirx li s-socjetajiet konvenuti ma kienux obbligati li jassikuraw li l-haddiema taghhom ikunu protetti mill-perikli kkawzati minn din is-sustanza. L-obbligu ta' min ihaddem f'cirkostanzi simili gie trattat mill-awtur Micheal Whincup[11] fejn irritjeni li,
"*Sometimes diseases develop which the plaintiff says were caused by his work many years earlier. The employer's liability depends on what he should have known of the dangers at that earlier date. He could not be expected to know what was yet not known to the medical profession, or which had only been discussed say in research papers published in medical journals: Wright vs Dunlop, 1972; Harman v. Mitcham 1955. But he is certainly obliged to keep abreast of information published in trade journals and official reports and notices, particularly those published by the Health and Safety Commission or the Department of Employment : Ransom v. Mc Alpine, 1971*."

17.5 Mir-relazzjoni ta' l-esperti medici hareg bic-car li tali perikolu fis-snin sebghin kienu diga` noti u b'hekk kien obbligu ta' l-appellanti li jipprovdu *a safe place of work* u issa ma jistghux jippruvaw jinhbew wara l-iskuza li kulhadd kien juza l-asbestos, u wara l-argument mgebbed li dak li kellu u li seta' jigi pprovdut fis-snin sittin mhux dak li ghandu jigi pprovdut illum. In fatti jekk wiehed jaghmel ricerka semplici fl-internet dwar l-asbestos u l-

[11] Modern Employment Law 6th Edition, pages 208-209

*Mesothelioma* jsib bosta informazzjoni li tikkonferma dan u infatti f'wiehed minn dawn is-siti gie spjegat illi –
"*Throughout the 1930s, the association of asbestos and lung disease was well known by both asbestos manufacturers and their insurers, to the extent that the use of asbestos was in decline by the start of World War II. However, its production grew hugely during the war for use in ships, and continued to grow over the next three decades.*

*In 1960, the first series of asbestos-related malignnt mesotheliomas was reported in 33 workers in a South Africa crocidolite mine. Other reports followed linking asbestos to malignant mesothelioma amongst pipe fitters in the USA, other reports followed from around the world. Asbestos was classified as a carcinogen in 1977 by the International Agency for Research on Cancer*."[12]

18. Il-principji li jirregolaw ir-responsabbilita` ta' sid ta' intrapriza biex ihares is-sahha ta' l-impjegati tieghu huma ormaj ben stabbiliti fil-gurisprudenza. F'kawza deciza mill-Qrati Inglizi fl-ismijiet Wilsons & Clyde Coql Co. v. English[13], Lord Maugham osserva li,

" *In the case of employments involving risk, it was held that there was a duty on the employer to take reasonable care, and to use reasonable skill, first, to provide and maintain proper machinery, plant appliances and works, secondly to select proper skilled persons to manage and superintend the business, thirdly to provide a proper system of working*."

19.1 L-awtur Whincup (ibid) jikkummenta li fid-decizjoni Wright v. Dunlop (1972) intqal li,
"*Essentially the law's task is to balance out society's desire for profit and the individual worker's demand for safety and welfare. It rarely resolves a safety problem by forbidding work to be carried on at all or by requiring precautions so expensive as to drive the employer out of business – though such a conclusion may possibly be*

[12] site – *mesothelioma* awareness – www.*mesothelioma*wareness.com/history
[13] House of Lords fl-1937

*reached if the danger is extreme and there is no other way of avoiding it*."[14]

Isemmi wkoll decizjoni ohra fejn gie ritenut illi,
"*It is the duty of the employer in considering whether some precaution should be taken against a foreseeable risk to weigh on the one hand the magnitude of the risk, the likelihood of the accident happening and the possible seriousness of the consequences…and on the other hand the difficulty and expense and any other disadvantage of taking the precaution'…The more likely or probable an accident is, the greater the duty to guard against it*."[15]

19.2 Gie ritenut fid-decizjoni Crockall v. Vickers Armstrong (1955) li,
"*Once the employer knows or ought to know of the risk and that the risk can be markedly diminished if not eliminated by the wearing of masks, he must take all reasonable steps by clearly warning the men that they refrain at their own risk from wearing the masks, and by encouragement and exhortation to seek to persuade them to do so… There was a failure to press on the men's representatives with earnestness and ardour the need for those masks*."

Whincup (ibid) ikompli jelabora li,

"*What is involved in such a campaign is bound to vary with the circumstances. Possible methods include personal instruction, personal issue of safety equipment, periodic checks, incentive schemes, safety education campaigns, posters and the like – as appropriate in the particular case…At all events it is not enough simply to make the use of safety equipment or observance of the rules a condition of employment. If it were, the employer could fulfill his duty just by putting up a notice saying 'You must not have accidents'*."[16]

[14] page 199
[15] page 198
[16] page 220

20. Il-principji suesposti gew ukoll abbracjati mill-Qrati taghna fejn gie ritenut illi "*in planning a system of work the employer must take into account the fact that workmen become careless about the works involved in their daily work*." (**Borg v. Wells** PA 9/9/1981). Fil-kawza **Grech v. Ellul**[17], il-Prim Awla qalet li "*it is the duty of every employer to take all reasonable care for his employees' safety in all circumstances at their place of work*." L-obbligu principali ta' sid l-intrapriza hu, u kien li jipprovdi post tax-xoghol, kif ukoll sistema tax-xoghol, bla riskji u bla perikli. Kien ghalhekk obbligu tas-socjetajiet appellanti li jipprovdi lill-haddiema tieghu (fosthom Anthony Desira) mezzi adegwati biex jaghmlu xogholhom f'sigurta` u f'ambjent hieles mill-mard u mill-perikli. Dawn id-doveri imposti fuq min ihaddem kienu diga` jezistu f'dawk iz-zminijiet, kif jidher car mir-regolamenti citati mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha. In fatti, bl-avviz legali 126 tal-1974 kien zdied artikolu fit-Tieni taqsima tar-Regolamenti li kien jipprovdi li –
"7A (1) Bla hsara ghal kull disposizzjoni ohra ta' dawn ir-regolamenti jkun dmir ta' kull min ihaddem in-nies li jiehu l-kura kollha xierqa ghall-iskansar mill-periklu ta' l-impjegati tieghu fic-cirkostanzi kollha."

21. Mis-suespost ghalhekk jirrizulta li l-Qorti ta' l-ewwel grad applikat il-ligi u l-principji legali vigenti f'dak iz-zmien u ma bbazatx ruhha fuq doveri rigoruzi li ma kienux jezistu dakinhar, kif jallegaw l-appellanti.

L-aggravji kontenuti fl-appell principali interpost mis-socjetajiet konvenuti huma ghalhekk infondati fil-fatt u fid-dritt u l-appell taghhom qieghed jigi respint.

## L-APPELL INCIDENTALI TA' L-ATTURI DWAR IL-"Q*UANTUM"* TAD-DANNI

22. L-atturi appellaw incidentalment dwar il-likwidazzjoni tad-danni maghmula mill-ewwel Qorti.

[17] deciza 27/6/1996

Huma jissottomettu li ghalkemm jaqblu mal-konsiderazzjonijiet legali maghmula mill-ewwel Qorti, izda jsostnu li dik il-Qorti ma applikatx dawn il-konsiderazzjonijiet legali meta kkwantifikat id-danni. Minflok, il-Qorti kkunsidrat li Anthony Desira kien gie "*boarded out*" minhabba infezzjoni f'saqajh (ikkawzata mix-xoghol tieghu mal-konvenuti) u ghalhekk ma haditx in konsiderazzjoni d-dhul li seta' dahal kieku baqa' haj u baqa' jahdem mill-1996 sal-2009. Dan ghaliex il-Qorti ma kkonsidratx il-fatt li meta nhakem mit-tumur, Desira kien fieq mill-infezzjoni f'saqajh, kif jirrizulta mix-xiehda ta' l-attrici Jane Desira. Inoltre l-paga tieghu f'dawn is-snin kienet tkun ferm ghola minn dik fl-1986. B'hekk l-ammont likwidat mill-Qorti ma jirriflettix in-nuqqas ta' dhul kollu li l-vittma setghet tilfet minhabba l-mewt. Dwar l-ispejjez medici jispjegaw illi ghalkemm ma gewx prodotti ricevuti l-Qorti setghet tapprezza li dawn l-ispejjez, b'kollox LM153, huma spejjez li fil-fatt saru u infatti d-dati u l-hinijiet ta' l-istess appuntamenti gew indikati. L-istess jinghad ghal Lm40 tar-rapport tal-kirurgu Dennis Gatt li huwa esebit fil-process. Dwar l-ispejjez funerarji jirrilevaw li gew esebiti l-ircevuti relattivi.

23. Is-socjetajiet konvenuti rrispondew illi l-appell incidentali kellu jigi michud ghas-segwenti ragunijiet:

i) id-danni likwidati mill-ewwel Qorti huma esagerati u gew likwidati minnha arbitrarjament minghajr ma gie segwit il-metodu xjentifiku stabbilit. In fatti, l-ewwel Qorti ma tatx spjegazzjoni ta' kif waslet ghall-ammont likwidat;

ii) meta Desira miet fl-1996 hu kellu 49 sena u kien ilu *boarded out* mill-1987 u kien qed jircievi pensjoni ta' l-invalidita` sa mill-1989. Meta kien ghadu impjegat kellu salarju ta' LM2,600. Jelaboraw li l-Qrati taghna dejjem illikwidaw id-danni b'metodu bazat principalment fuq l-introjtu tad-*decujus* fis-sena tal-mewt u l-eta` tieghu u sussegwentement kellu jsir certu tnaqqis skond ic-cirkostanzi. B'hekk jissottomettu li fil-kaz in ezami jekk jigu likwidati xi danni, dawn kellhom jigu kalkolati billi tigi konsiderata l-pensjoni ta' dizabbilita` li kien qed jircievi Desira. Meta wiehed jiehu dan l-introjtu u l-hajja lavorattiva li kien ghad baqghalu l-vittma malajr jikkonkludi

li l-ammont likwidat hu esagerat u mhux konformi ma' dak stabbilit mill-gurisprudenza nostrana;

iii) l-appell ta' l-atturi hu bazat fuq hafna prezunzjonijiet u mhux konformi mad-duttrina stabbilita mill-Qorti. Il-Qorti ma tistax tiehu bhala bazi l-introjtu tad-*decujus* disa' (9) snin qabel u lanqas tikkonsidra xi salarju futur ta' xi prezunt impjieg.

B'hekk mhux talli l-appell incidentali ghandu jigi muchud, izda f'kaz li l-Qorti tillikwida xi danni hija ghandha tirriduci l-ammont likwidat sostanzjalment.

24. Din il-Qorti tibda billi tirrileva fir-rigward tal-metodu kif ghandhom jigu kkwantifikati d-danni sofferti, il-gurisprudenza taghha, matul iz-zminijiet ikkunsidrat bosta proposizzjonijiet u adozzjonijiet ta' kriterji, anke ghaliex kif sewwa intqal fid-decizjoni fl-ismijiet **Carmelo Grech et noe v. Michael Azzopardi**[18] l-artikoli tal-ligi in propozitu, ossija l-Artikolu 1045-6 tal-Kap. 16, "juri l-meta bla ma juri t-triq sabiex bniedem jasal ghaliha…" In fatti, il-ligi taghna thalli din il-kwistjoni fid-diskrezzjoni guridika u morali tal-gudikant. Gie wkoll ritenut illi fil-materja ta' *lucrum cessans* "il-Qorti ghandha tipprocedi f'kawtela kbira peress li l-qliegh hu haga ta' possibilita` u mhux ta' certezza u jkun jista' jonqos minn mument ghall-iehor anke ghall-kwalunkwe kawza materjali bhal mewt jew mard tad-danneggjat."[19]

25. In linea generali, il-qrati taghna ghadhom jaddottaw il-principji gwida stabbiliti fid-decizjoni klassika Butler v. Heard[20], temperata bl-izvilupp innovattiv li jevalwa maggorment l-aspett tal-hajja lavorattiva tal-vittma, almenu sa l-eta` pensjonabbli[21]. Dan maghdud, il-Qorti ta' l-Appell recentement wissiet illi "anke hawn il-kriterju hu ghal kollox wiehed riskjuz u aleatorju, semplicement ghax wiehed ma jistax jivviswalizza l-futur, u c-*chances and changes* tal-hajja huma tant varji li hu difficli ferm li wiehed

[18] PA deciza 8/1/1947
[19] **Lambert v. Buttigieg –** PA Kummerc – deciza 18/4/1963
[20] PA 28/2/1967
[21] **Emm. Agius v. J. Galea** - PA Kummerc – 16/4/1991

jistabilixxi kriterji oggettivi li fuqhom kull kaz kellu jigi modellat.[22]"

26. Fil-kaz odjern jirrizulta li Anthony Desira miet u l-azzjoni odjerna giet intentata minn martu u uliedu, tnejn minnhom minuri. Certament hawn japplika *inter alia* l-Artikolu 1046 tal-Kap. 16 li jipprovdi li "l-Qorti tista', flimkien mat-telf u spejjez attwali kkagunati, taghti lill-werrieta tal-mejjet id-danni, bhal fil-kaz ta' inkapacita` totali ghal dejjem, skond id-disposizzjonijiet ta' l-ahhar artikolu qabel dan." Il-Qrati taghna rritenew illi l-azzjoni intentata mill-atturi, eredi tal-vittma, issir "*iure proprio*" bis-sahha tad-dritt lilhom konferit bl-operat tal-ligi fl-Artikolu 1046[23] u mhux b'kawza ta' xi trasmissjoni *ope successionis*, u li ghalhekk mhux necessarju li jigi ppruvat li l-mejjet kien jaqla' l-flus u li kien jikkontribwixxi ghas-sussistenza taghhom biex ikollhom dritt ghal indennizz[24]. Minkejja dan ir-rikonoxximent tad-dritt ta' l-eredi, inghataw xi decizjonijiet tal-Qrati taghna, meta gew biex jillikwidaw l-ammont ta' danni dovuti, li introducew kuncetti limitattivi billi bdew inaqqsu ammonti ghad-*degree of dependence* u *own consumption* minn dak l-ammont likwidat minnhom bhala danni.

27. Fid-decizjoni taghha, il-Qorti ta' l-ewwel grad ibbazat ruhha u anke ccitat mid-decizjoni tal-Prim Awla fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Turner et v. Francis Agius et[25].** Fil-precitata sentenza, il-Qorti wara li spjegat illi d-dritt ghar-rizarciment ghad-danni huwa dritt patrimonjali u li d-dritt tas-successur kien l-istess bhal dak ta' l-awtur tieghu ghaddiet biex illikwidat id-danni dovuti minghajr ma ghamlet ebda tnaqqis ghad-"*degree of dependence*" u ghall-konsum personali. L-istess ghazlet li taghmel il-Qorti ta' l-ewwel grad fil-kawza odjerna, li ghalkemm illikwidat l-ammont *arbitrio boni viri* qalet kjaramanet li l-kwistjoni ta' "*dependency*" u tal-konsum personali kienu superfluwi. Hawnhekk pero` huwa imperattiv li jigi

[22] **Lawrence Caruana v. Anthony Falzon** deciza 5/10/2001
[23] **Giuseppa armla ta' Salvatore Cortis et v. Cecil Baker noe** Appell Superjuri – 31/1/1987
[24] **R. Petrie et v. S. Ciappara** Appell Superjuri deciz 22/6/1964
[25] deciza 17/2/1998

precizat illi d-decizjoni **Turner et v. Agius** kienet giet in segwitu appellata u deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Novembru 2003. Il-Qorti ta' l-Appell kienet varjat il-likwidazzjoni tad-danni maghmula mill-ewwel Qorti billi naqqset l-ammont likwidat b'percentwal ghad-"*degree of dependence*". Il-fatti speci ta' dak il-kaz izda, huma differenti minn dawk li jemergu mill-vertenza odjerna peress li fil-kawza **Turner et v. Agius** il-vittma kienet xebba li kienet tghix mal-genituri taghha. L-eredi tal-vittma ghalhekk kienu l-genituri taghha u hutha. Fil-kaz odjern, izda, l-vittma hu r-ragel ta' l-attrici u missier l-atturi l-ohra. Il-Qorti ta' l-Appell kienet in fatti spjegat id-decizjoni taghha hekk,
"Il-Qorti trid mill-gdid taghmiha cara li f'kazi bhal dawn ma tezisti l-ebda formula magika, specjalment meta l-akkadut ikollu konsegwenzi fatali. Tifhem ukoll li hemm differenza f'sitwazzjoni fejn si tratta ta' mewt ta' kap ta' familja li, minnu din tkun qeghda tiddependi direttament, ghaz-zamma u ghixien taghha ghal xi sitwazzjoni ohra fejn invece si tratta ta' membru iehor tal-familja li qeghda tghix fi hdanha u li fin-normalita` tal-hajja l-probabbilita` tkun li din tiehu l-istat taghha u tmur tghix ghar-rasha."

Ma hemm l-ebda dubbju li l-atturi odjerni kienu jiddependu ghal kollox mill-vittma Anthony Desira, tenut kont ukoll li tnejn minnhom kienu ghadhom minuri meta giet intavolata c-citazzjoni.

28. Fi kwalunkwe kaz pero` ghandu jigi rilevat li l-Qorti ta' l-Appell, kif illum komposta, kienet biddlet id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Turner et v. Agius** peress li ordnat tnaqqis ta' 25% ghall-konsum personali inkwantu affermat li jekk l-argument huwa li l-vittma potenzjalment kien ser ikollha somma a disposizzjoni taghha, parti minnha zgur kienet ser tigi minfuqa. Dan ir-ragunament huwa ghal kollox konformi ma' dak deciz mill-Qrati taghna f'kawzi simili.

Fil-fehma konsidrata tal-Qorti, l-ilment ta' l-atturi li l-likwidazzjoni ta' l-ewwel Qorti kienet baxxa hafna ghaliex ma haditx in konsiderazzjoni l-fatt li Desira kien fieq mill-infezzjoni f'saqajh u b'hekk kellu tlettax-il sena ohra ta'

hajja lavorattiva mhuwiex fondat. Fil-kwantifikazzjoni tad-danni l-Qorti ghandha thares lejn it-telf attwali u mhux fuq semplici aspettattiva li tista' jew ma tistax tavvera ruhha. Ghandu ghalhekk jitqies biss dak li wiehed ragonevolment kien jistenna li jdahhal. Issa, fil-mument tal-mewt Anthony Desira kien qed jircievi pensjoni ta' invalidita` u kien ilu jirceviha sa mill-1989, ghaliex irrizulta li kien gie "*boarded out*". Jigi rilevat inoltre illi mill-atti ma jirrizultax li giet esebita dokumentazzjoni dwar l-introjtu li kellu Desira minn din il-pensjoni, izda l-attrici esebiet biss ir-"*returns*" tad-dhul nett li huwa kellu mill-impjieg tieghu mas-socjetajiet konvenuti mill-1981 sal-1987[26]. Tali pensjoni, anke jekk kienet tizdied kull sena biz-zidiet moghtija mill-Istat, difficli li kienet sejra teccedi l-paga li kien jaqla' meta huwa kien impjegat. In oltre jigi pprecizat illi ghalkemm l-attrici tallega li din l-infezzjoni, li kienet il-kawza ghala Desira kellu jirtira prematurament mill-impjieg tieghu, kienet issa fieqet u li Desira seta' jerga jibda jahdem, tali allegazzjoni ma hija sopportata minn ebda dokumentazzjoni medika. Kull ma hemm fl-atti f'dan ir-rigward hija x-xiehda ta' l-attrici fl-affidavit ipprezentat minnha[27].

29. Min-naha l-ohra, wiehed ma jistax jaqbel ma' l-argument tas-socjetajiet konvenuti li l-ammont likwidat mill-ewwel Qorti huwa esagerat. Fejn dehret kemmxejn mankanti s-sentenza ta' l-ewwel Qorti kienet l-assenza totali min-naha taghha milli ta' lanqas torbot b'mod konkret l-ammont likwidat ma' konsiderazzjonijiet ta' fatt. Dan maghdud pero` l-ammont li gie effettivament likwidat in linea ta' danni huwa ragjonevoli ghall-ahhar. Fil-gurnata tal-mewt tieghu Desira kellu 49 sena[28] li jfisser li hu kellu prospettiva ta' tnax-il sena ohra f'hajja lavorattiva sa l-eghluq ta' l-eta` pensjonabbli ta' 61 sena – dan tenut kont tal-fatt li bl-izvilupp li sar fil-kamp mediku f'dawn l-ahhar snin l-aspettattiva tal-hajja utili zdiedet, u tal-fatt li llum qed tigi kkunsidrata mill-awtoritajiet il-possibilita` li r-*retirement age* nazzjonali tkun ta' 65 sena. Fi kliem iehor, li kieku l-ammont ta' LM20,000 kellu jigi mifrux fuq

[26] fol 77 et seq
[27] fol 77-78
[28] certifikat tal-mewt a fol 9

perijodu ta’ tnax-il sena, allura jirrizulta li l-Qorti akkordat danni ta’ LM1,666 ghal kull sena, ammont li huwa gustifikat meta wiehed iqis il-firxa tas-snin, zidiet fil-paga li jaffettwaw il-pensjonijiet, il-*bonuses* stabbiliti mil-ligi u sahansitra l-*purchasing power* dejjem jonqos tal-munita . Ghalhekk dan l-ammont ma ghandux jigi ridott.

30. Jibqa’ ghalhekk il-gravam dwar id-*damnum emergens* li jirrizulta li fil-fehma ta’ din il-Qorti hu in parti gustifikat. Fil-kwantifikazzjoni tad-danni l-ewwel Qorti, kienet specifikatament eskludiet dawn l-ispejjez. Fir-rigward ta’ l-ispejjez ta’ l-ispecjalisti d-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti hija gustifikata – l-attrici ma pprezentatx ricevuti in sostenn tat-talba taghha u semplicement elenkat xi dati u hinijiet fl-affidavit taghha. Din it-talba ghandha tigi michuda ghaliex l-attrici kienet obbligata li tipproduci l-ahjar prova in sostenn tat-talba taghha. L-istess jinghad dwar l-ispejjez tar-rapport tal-Kirurgu Dennis Gatt li hu pprezentat a fol. 12 tal-process. Ma kien hemm assolutament ebda ostakoli ghall-atturi li jressqu l-ahjar prova, kemm tramite konferma mill-konsulenti infushom jew ta’ lanqas permezz ta’ ricevuta. Pero` d-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti li ma akkordatx l-ispejjez funerarji fl-ammont ta’ Lm360.80c ghaliex “dawn m’humiex gustifikati” mhijiex ragonevoli, aktar u aktar meta gew ipprezentati r-ricevuti relattivi a fol 90 u 91 tal-process. Certament jirrizulta li l-marda *de quo* li hakmet lill-vittma ppreciptat mhux ftit il-mewta f’eta` bikrija ta’ l-imsemmi Anthony Desira u, konsegwentement, l-ispejjez inkorsi ghall-funeral tieghu, f’ammont diskret u kontenut hafna, ghandhom jitqiesu bhala *damnum emergens*.

31. B’hekk id-decizjoni ghandha tigi kkonfermata dwar l-ammont likwidat bhala *lucrum cessans*, izda mibdula pero` biex tinkludi ammont ta’ LM360.80c bhala *damnum emergens*.

Ghal dawn il-motivi:
Tiddeciedi billi filwaqt li tirrespingi *in toto* l-appell tas-socjetajiet konvenuti, tilqa’ *in parte* l-appell incidentali ta’ l-atturi billi tinkludi ma’ l-ammont tad-danni likwidati mill-ewwel Qorti, l-ammont addizzjonali ta’ Lm360.80c bhala

*damnum emergens* u ghalhekk qeghdha tirriforma s-sentenza appellata limitatament ghal dina l-parti dwar id-danni, u tikkonfermaha fil-bqija.  L-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jithallsu interament mis-socjetajiet konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------